Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 168 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Victor Camilleri**

Illum, 28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Victor Camilleri, iben Carmelo, imwieled San Pawl il-Bahar, fit-13 ta' April, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 253559 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-26 ta Ottubru 2014 ghal habta tal-16.10 fl-ihawi tar-Rabat u f' dawn il-Gzejjer waqt stagun miftuh, ha jew ipprova jiehu b' xi mezz xi ghasfur meta ma ssodisfax il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja specjali ghal insib limitat tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa 2014 mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-ghasafar selvaggi u f' kullligi ohra u cioe naqas milli josserva I-kontenut tal-licenzja ghall-insib tal-ghasafar tal-ghana fil-harifa peress illi naqas milli immedjatament ilibbes fuq in-naha ta isfel ta sieq l-ghasfur tal-ghana curkett li jista jintuza darba biss kif approvat mill-Wild Bird Regulations Unit li gie approvat ma din il-licenzja kif ukoll naqas li jirrapporta kul ghasfur ta I-ghana li jaqbad billi jcempel lil WBRU u jsegwi I-istruzzjoniijet moghtija u dana bi ksur tal-kondizzjoni numru 15; bi ksur tar-regolament 12 (1) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (LS 504.71) u bi ksur ta regolament 9 tal-A.L. 253 tal-2014 hekk kif emendat (L.S. 504.124).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Marzu, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 12 (1) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 504.71 u Reg.

( tal-AL 253 tal-2014 hekk kif emendat LS 504.124 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu multa ta' elf ewro (€1,000).

Ordnat il-konfiska tal-oggetti esebiti.

Kif ukoll ordnat s-sospensjoni tal-licenzja kollha mahruga lill-imputat taht ir-Regolamenti msemmija ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Victor Camilleri minnu pprezentat fit-8 ta' April, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi tordna li s-sentenza fuq citata fl-ismijiet premessi tigi varjata u modifikata fis-sens illi filwaqt li ghandha tikkonferma l-istess fejn sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, tvarja l-istess fejn applikat piena ta €1,000 u sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta' sentejn u minnflok tinfliggi piena ta' €150 jew kwalsiasi piena ohra li jkun jidrilha hekk xierqa u opportuna ai termini u in linea mal-avvizi legali fuq citati.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi skond l-avviz legali 341 tas-sena 2013 u 403 tas-sena 2013, huwa kellu jittella l-Qorti biss fil-kaz meta n-numru ta' ghasafar ikun aktar minn hamsa. F' dan il-kaz l-esponent kellu biss tliet ghasafar mhux bic-cirku u mhux dikjarati;

Illi in vista tal-premess ghalhekk u fit-tieni lok jinghad li l-piena nflitta tmur oltre minn dak stipulat fl-imsemmija avvizi legali. Skond dawn ta l-ahhar huwa setgha jigi kkundannat biss is-somma ta' €50 ghal kul ghasfur mhux dikjarat sa massimu ta €250 u ghalhekk fil-kaz in ezami, l-esponent kellu jehel piena massima ta' €150 mhux ta' €1,000 flimkien mas-sospensjoni mill-licenzja tal-insib ghal perjodu ta sentejn.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit ta' **PS 305 A Gauci** prezentat fl-atti fejn stqarr li nhar il-Hadd, 26 ta' Ottubru, 2014 ghall-habta ta' 16.10p.m. waqt li kien xoghol ma PC 798 Camilleri fl-inhawi tar-Rabat, Malta osservaw persuna li kien qieghed jonsob ghat-tehid ta l-ghasafar ta' Ghana waqt stagun miftuh.

Meta marru hdejh sabu lill-appellant ma zewg mnasab li kienu misjuba kif ukoll l-ammonti tal-ghasafar li kellu mifruxin mal-mansab 21 b'kollox kellu skond il-ligi izda fid-dura kien instab li kellu (3) tlett Sponsuni, ghasafar tal-passa li kienu fil-gabbjun minghajr crieket.

Meta tawh is-solita' twissija u wara li staqsewh meta kien qabbadhom u l-hin qalilhom li kien qabbadhom dakinhar stess ghal habta tad-9.30 p.m. b'hekk l-ghasafar, tlett Sponsuni, gew elevati u inharget ricevuta numru 0002989 kif ukoll l-appellant gie infurmat li l-licenzja ha tigi elevata u sospiza peress li kien naqas milli jsegwi l-istruzzjonijiet li kien fiha l-istess licenzja billi kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet numru 15 billi naqas li jlibbes ic-crieket ma saqajn l-ghasafar li kien qabad kif ukoll naqas li jinforma lill WBRU bil-qabda ta' l-ghasafar.

Rat l-okkorenza esebita mehuda minn l-istess PC 305 Gauci.

Rat l-affidavit ta' **PS 798 Anthony Camilleri** fejn stqarr li nhar il-Hadd 26 ta' Ottubru, 2014 kien qieghed xoghol flimkien ma PS 305 meta ghal-habta tal-4.15 kienu qed jghamlu ronda fl-inhawi tal-Fiddien limiti tar-Rabat fejn innotaw mansab li kien armat kif ukoll kien hemm persuna gewwa d-dura.

Ghalhekk huma marru hdejh biex ighamlu spezzjoni fejn rrizulta li dan kien certu Victor Camilleri u li dan kellu zewgt mansab li kienu armati kif ukoll diversi ghasafar tal-ghana mifruxin mal-madwar tal-mansab. Meta gew ccekjati l-ghasafar li kellu irrizulta li dan kellu tlett ghasafar ta' l-ghana Sponsuni, gol-gabbjun li ma kellhomx crieket. Meta gie mistoqsi rigward dawn l-ghasafar dan wiegeb li dawn kien qabadhom fid-9.00 ta' filghodu izda dan ma informax lil WBRU skond il-kundizzjonijiet tal-licenzja kif ukoll li ma kienx ghamillhom c-crieket provduti mill-WBRU.

Ghalhekk l-ghasafar gew elevati kif ukoll il-licenzja specjali ta' l-insib ta' l-ghana peress kien kiser kundizzjoni tal-licenzja specjali.

Rat il-licenzja esebita fl-atti a fol. 15 mahruga mill-Kumissarju tal-pulizija f'isem l-appellanti datata 12 ta' Lulju 2014 u li kient tiskadi fil-31 ta' Dicembru 2014.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell hu bbazat fuq kwistjoni ta' piena li fil-fehma tal-appellanti hija wahda eccessiva u li fil-fatt fil-fehma tieghu skond l-avviz legali 341 tas-sena 2013 u l-avviz

legali 403 tas-sena 2013 l-appellant kellu jigi immultat is-somma ta' €50 ghal kul ghasfur u peress li kellu tlett ghasafar allura l-multa kellha tkun dik ta' €150 u mhux €1,000 kif imposta mill-Qorti.

Illi dwar l-aggravju l-iehor u cioe' li huwa kellu jitressaq il-Qorti f'kaz li in-numru ta' ghasafar li kellu kien jeccedi hamsa din l-Qorti ser tiskarah peress li l-appell tal-appellant hu bazat fuq kwistjoni ta' piena li fil-fehma tieghu hija eccessiva.

Ikkunsidrat ultejorment,

Illi dan hu appell limitatament fuq kwistjoni ta' piena stante li l-mertu jew ahjar l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-appellant mhux qed jigu kontestati. Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun appel limitat fuq piena, dan ikun xi ftit jew wisq odjuz sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tippreflggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min ma jikkontestax l-akkuzi jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eccessiva jew le. M'huwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

L-avukat difensur fir-rikros tal-Appell tieghu isostni li l-legal notice li ghandha tapplika fir-rigward tal-appellant hija dik imsemmija minnu u cioe' 341/2013 li giet fis-sehh 25 ta' Ottubru 2013. Jinghad pero' li r-reat in kwistjoni sehh fis-26 ta' Ottubru, 2014 u minn ezami akkruat tal-legal notices li johorgu fir-rigward li l-legislazzjoni tal-kacca jirrizulta li din il-legal notice imsemmija mill-avukat difensur 341/2013 gie emendat fl-20 ta' Marzu, 2014 bl-Att Legali numru 110/2014 u ghalhekk dan hu l-att li jirregola l-akkuza adebitata fil-konfront tal-akkuzat. L-artikolu ta dan l-Att Legali jemenda r-regolament 27 tar-regolamenti prinċipali li jittratta dwar reati u pieni. Pero' fir-rigward tas-sub-inciz 2 tal-artikolu 27 li jittratta dwar kull persuna li jwettaq reat kontra r-regolamenti 4 u cioe' l-akkuza li bih l-appellant gie akkuzat ma inbidilx b'din il-legal notice .

L-artikolu 4 tal LS 549.42 jipprovdi li hu reat "*ebda persuna m'ghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja tiehu jew tipprova tiehu xi ghafur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti*

*jekk mhux skond dawn ir- regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta kul licenza li tinghata tahta."* Jirrizulta f'dan il-kaz u mhux kontestat li l-appellant qabad tlett Sponsuni. Dawn l-ghasafar huma mgharufa bhala *Fringilla Coelebs Ombriosa* u ghalhekk ghasafar li huma speci ta' ghasafar li jaqghu taht mzuri specjali ta' konservazzjoni skond l-abitat taghhom kif imsemmi fl-Iskeda I.

Issa skond l-artikolu 15 tal-licenzja specjali tieghu l-appellant kellu immedjatament ilibbes fuq in-naha t'isfel tas-sieq ta' kull ghasfur tal-ghana li jaqbad u dan ic-curkett jista' jintuza biss kif approvat mill-Wild Bird Regulation Unit li gie provdut mal-licenzja tieghu. U immedjatament wara li jlibbes ic-curkett jirraporta kull ghasfur tal-ghana li qabad billi cempel fuq in-numru muri fuq il-licenzja tieghu u jsegwi l-istruzzjonijeit moghtija lilu.

Mill-affidavit rilaxxjat minn PS 305 A Gauci u PC 798 Anthony Camilleri li ma gewx kontestati jirrizulta li l-appellant qabad tlett ghasafar ta' l-ghana Sponsuni poggihom go gabbjun, li ma kellhomx crieket u ma infurmax lil WBRU skond il-kundizzjoni tal-licenzja u lanqas ma kien ghamillhom ic-crieket kif provdut mill-istess WBRU.

Il-piena ghal dan ir-reat hu dak previst fl-artikolu 27 (2) (a) u cioe' f'kaz ta' htija ghall-ewwel darba l-hati ghandu jehel multa ta' mhux anqas minn hames mitt euro (€500) izda mhux izjed minn hamest elef euro (€5,000) u l-konfiska tal-corpus delicti. Oltre dan tipprovdi li l-Qorti <u>**ghandha**</u> (u mhux tista') tordna s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht dawn ir-regolamenti u taht it-Taqsima XV tal-kodici tal-ligijiet tal-Pulizija ghal perijodu ta' **mhux inqas minn sentejn** izda mhux izjed minn hames snin.

Ghalhekk l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-appellant kien qabad tlett Sponsuni u kien ghalhekk li applikat l-piena l-aktar lejn il-minimu billi ikkundannatu ihallas is-somma ta' elf euro (€1,000).

Din il-Qorti ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tvarja l-multa inflitta stante li ma gie provat l-ebda raguni sabiex jiggustifika tnaqqis fil-piena. Filwaqt li dwar il-konfiska jinghad li t-terminu moghti mill-ewwel Qorti kien proprju il-minimu li setghet taghmel.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-appell tal-appellant filwaqt li tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur